MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 7/2010

**Anna Maria Cavallari**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-26 ta’ Mejju, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**L-Arbitru
>
> Ra l-appell
>
> Ra r-risposta
>
> Sema' x-xhieda u ezamina d-dokumenti

Ikkunsidera

Illi b' ittra datata ghoxrin (20) ta' Novembru 2009 id-Dipartiment informa lil dan il-Bord ta' l-Appell li s-somma mitluba bhala *overpayment* giet effittivament mhallsa mill-appellanti.

Illi b'hekk ma hemmx aktar lok ghal dan l-appell.

Il-Bord jastjeni milli jiehu konjizzjoni aktar ta' dan l-appell."

Ir-rikorrenti appellat minn din id-decizjoni bl-ilment illi l-Arbitru ma setax jiddeciedi li ma kienx hemm lok ghall-gravam sottopost lilu ghaliex l-*overpayment* kien thallas;

Dan l-ilment huwa teknikament fondat u s-sentenza appellata jisthoqqilha tigi kassata ghar-raguni illi l-Arbitru ddecieda li jiehu *short cut* u naqas ghal kollox milli jokkupa ruhu mill-obbjezzjoni ta' l-appellanti kontra d-decizjoni tad-Direttur li rreklama minghandha l-hlas zejjed ta' €50.94 f'Allowance Supplimentari ghall-perijodu mit-3 ta' Lulju 2004 sat-3 ta' April 2009 in vista ta' dhul mhux iddikjarat;

Bhal fil-kazijiet mertu ta' appelli ohra, id-Dipartiment kellu taghrif illi l-appellanti kellha dhul mill-*hosting* ta' studenti u konsegwentement ghadda biex jirrevedi l-Allowance Supplimentari moghti lilha bhala *overpayment*. Gara li fil-mori tal-kaz quddiem l-Arbitru, id-Direttur appellat informah b'ittra tal-20 ta' Novembru 2009 illi l-*overpayment* gie saldat billi irritenihom mill-hlasijiet tal-Pensjoni. In bazi ghal din l-informazzjoni l-Arbitru ddecieda li ma kienx baqa' lok ghall-appell;

Issa l-kwestjoni principali dedotta bl-appell quddiem l-Arbitru kienet tikkonsisti dwar il-gustifikazzjoni, jew le, tad-Direttur appellat li jirriducilha r-rata fil-gimgha ta' l-

Allowance Supplimentari u, f'kull kaz, jekk dik l-istess rata mnaqqsa kif ikkalkolata kienetx wahda korretta. Dan kien il-punt krucjali tal-kontestazzjoni. Minflok ma applika ruhu ghall-ezami tieghu, l-Arbitru, b'erba' kelmiet lapidarji, iddispona mill-appell b'leggerezza assoluta;

Ikollu jigi mistqarr illi ghal din il-Qorti l-motivazzjoni ghabbazi tad-decide hi wahda ghal kollox karenti u inidoneja. L-informazzjoni li l-*overpayment* kien gie sodisfatt ma setghet qatt tissuplixxi ruhha ghall-istharrig tal-punt bl-appell interpost. Ghal darba ohra, kif ghamlet fl-Appelli Numri 9/10 u 10/10, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi fejn mhux possibbli illi wiehed jirrikava, lanqas *aliunde,* ir-ragjonevolezza tal-provvediment statwit, dan ghandu jitqies null in kwantu karenti mir-rekwizit indispensabbli tal-motivazzjoni gusta ghar-raggungiment tar-*ratio decidendi*.

Ghal din il-konsiderazzjoni l-Qorti qeghda tannulla s-sentenza appellata u terga' tibghat l-atti lura lill-Arbitru ghall-verifika kif imiss tal-punt devolut lilu bl-aggravju u ghad-decizjoni skond il-ligi. L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------